**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 530/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur Roderick Spiteri**

**Vs**

**Godfrey Formosa**

Illum, 31 ta' Lulju 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Godfrey Formosa detentur tal-karta ta' l-identita' numru 102979M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-15 ta' Dicembru, 2016, ghall-habta ta' 20:20hrs, fi Triq l-Imdina, Sqaq Nru. 1, In-Naxxar:

1. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Dorienne Formosa biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra il-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.
2. Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi

hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun jew fixkel lil Dorienne Formosa fil-pussess ta' hwejjigha b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg haddiehor.

3. Hebb ghall-Dorienne Formosa, nhar is 16 ta' Dicembru, 2016 gewwa residenza 2, Vinmar, Triq l-Imdina, Sqaq Nru. 1, Naxxar sabiex jingurjha, idejjaqha jew jghamillha hsara b'xi mod.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna li l-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-**artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fid-29 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi ta' Malta 251B (1), 85(1) u 339 (1) (d) tal-Kap 9, illiberat lill-imputat mill-ewwel u t-tieni akkuza u wara li rat l-artikolu 339 (1) (d) sabet lill-imputat hati u kkundannatu €50 ammenda.

Rat ir-rikors tal-appellant Godfrey Formosa minnu pprezentat fil-11 ta' Dicembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fir-rigward tas-sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni u konsegwentement tiddikjarah mhux hati tal-istess tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi, l-aggravju tal-appellant jirrigwardaw is-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti dwar it-tielet imputazzjoni li l-esponent hebb ghall-martu.

Illi, limitatament fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, jigi rilevat li skont ix-xhieda ta' Dorienne Formosa Grech (mart l-esponent) l-allegazzjoni li l-appellant ghamel il-ponn ma wiccha grat meta l-partijiet kienu qed jargumentaw dwar is-sodda. Ta' min josserva, li kif jidher mill-istess xhieda, mart l-esponent lanqas ftakret meta l-prosekuzjoni staqsietha jekk garax xi haga ohra waqt l-argument fuq is-sodda apparti dak li kienet qalet u fil-fatt l-istess martu talbet lill-ufficjal prosekutur "fakkarni daqxejn"! Imbghad wara coaching ripetut lix-xhud mill-prosekutur li sahansitra anke kellu jaqralha it-tielet akkuza li l-appellant hebb ghaliha, fl-ahhar qalet li l-esponent kien ghamel il-ponn ma wiccha. Il-prosekutur u l-Qorti staqsewha darbtejn jekk kienx missa f'xi hin u hi wiegbet fin-negattiv.

Illi mill-banda l-ohra l-appellanti konsistentement innega bl-aktar mod assolut li la f'din id-data in kwistjoni u lanqas "*qatt f'ghoxrin sena, qatt u qatt mhu ha nghamilha*".

Illi jigi osservat ukoll li skont l-affidavit ta' WPC377 L.Spiteri, meta mart l-esponent marret taghmel it-tielet rapport fis-16 ta' Dicembru, 2016 ghall-habta ta' 19:00hrs, minkejja li rrappurtat l-argument li kellha ma zewgha dwar is-sodda, ma semmiet xejn li zewgha kien ghamel il-ponn ma wiccha. Kien biss l-ghada (fis-17 ta' Dicembru, 2016) li mart l-appellant marret taghmel ir-raba' rapport dwar il-kwistjoni ohra fuq *food processor* li kienet inqalghet filghodu u, f'daqqa wahda, ziedet issemmi li fl-argument tal-gurnata ta' qabel zewgha kien ghamel il-ponn ma wiccha pero' ma weggahhiex. Jidher li l-imsemmija WPC tant ma haditx din l-allegazzjoni bis-serjeta' li meta kellmet lill-appellant, lanqas biss semmietlu din l-allegazzjoni u kwindi lanqas hadet il-verzjoni tieghu dwar tali allegazzjoni.

Illi mis-suespost ghalhekk l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti, bid-dovut rispett, ma kellhiex tqis li tali allegazzjoni kienet giet ippruvata fil-grad rikjesta mill-ligi.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku kellha tigi emmnuta l-allegazzjoni ta' mart l-appellant, tali fatt ma seta' qatt iwassal ghal sejbien ta' htija li l-appellant kien hebb ghall-martu (fit-termini tal-**artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9** li tahtha gie akkuzat) izda semmai li l-appellant kien heddidha fit-termini tal-**artikolu 339(1)(b) jew 339(1)(e)** - li dwaru ma giex akkuzat. Dan ghaliex kieku verament l-appellant ghamel il-ponn ma wicc martu minghajr ma missha jew aggrediha, tali att huwa biss wiehed minaccjatorju.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell hu bazat fuq l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti fuq ix-xhieda li d-depozizzjoni taghhom tinsab traskritta fil-process.

Issa hu principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitatá mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Izda, jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs.**

**Raymond Psaila et**.[1]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**"[4] u ohrajn

"*Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**"[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :- "assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*[6]

*Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[7], deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :- "Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

---

[1] Deciza 12 ta' Mejju, 1994;

[2] Deciza 14 ta' Frar, 1989;

[3] Deciza 31 ta' Mejju, 1991

[4] Deciza 31 ta' Mejju, 1991

[5] ([1969] 1 QB 276)

[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392

[7] Deciza 1 ta' Dicembru, 1994

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar il-hebb ghal martu Dorianne Formosa skont l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-proekuzjoni pprezentat l-affidavit ta' WPC 377 L. Spiteri u din spjegat ir-rapport li sar lilha minn Dorianne Formosa nhar il-15 ta Dicembru, 2016 ghll-habta tat-8.23p.m. Din tgharrfitilha li kinet ghaddejja minn process ta' seprazzjoni minn ma zewghha, pero' kienu jghixu that l-istess saqaf. Stqarret ukoll li qaltilha li ghall-habta tat-8.00p.m ta' l-istess jum hija marret biex tistrieh fil-kamra tas-sodda taghha u ma sabitx l-imhadda u staqsiet lill-appellant dwar jekk kienx jaf fejn kienet u qallha li kien hadha hu u li tinsab fit-terrazin. Dlonk bdew jargumentaw bjniethom, qaltilha wkoll li kien ser jibghata l'barra bil-hwejjeg b'kollox.  Hija kellmet lill-appellant u dan ikkonferma li kien veru hadilha l-imhadda u tefghaha barra u li xxarbet.  Qal illi d-dar matrimonjali hija ta ommu u li kull ma qallha kien sabiex tigbor hwejjigha ghaliex kienet ikkapparat kull m'hemm.

L-ghada tghid li Dorianne regghet marret l-ghassa ghall-habta tal-5.30 u rraportat li hija kella l-magimix fl-intrata u meta marret lura d-dar ma sabitiex hemm u cemplet lill-appellant u qallha li kienet ghandu u kien lest li itihilha purche tnehhi l-affarijiet taghha mid-dar dak il-lejl sstess. Ftit wara marret l-ghassa ghall habta ta 7.00p.m. fejn stqarret li ghall-habta ta 6.08p.m. Godfrey baghtilha messagg fejn qallha 'Please clear the bed the one of Maria as my parents need to use it'. Qalet ukol illi fl-1 ta' Dicembru, 2016 regghet marret l-ghassa u qalet li zewgha Godfrey kien ghamel il-ponn ma wiccha ghax kellhom argument pero' ma weggahiex.

Il parte civile Dorianne Formosa xehdet *viva voce* nhar l-14 ta Gunju, 2017 u tkellmet dwar l-incident tal-imhadda li ma kienx kontestat mill-appellant. Huwa veru li l-appellant kien tefa' l-imhadda taghha barra u li din ixxarbet.  Tkellmet ukoll dwar l-incident tat-teddy bear kif rapportat fl-affidavit ta' WPS  377 ghalhekk lanqas din l-istorja ma hi kkontestata bhala fatt. Mistoqsija kif kien l-atteggjament tar-ragel dwar l-

incident tal-15 ta Dicembru kif rapportat fl-akkuzi, tghid li zewgha kien ghajjat quddiem it-tfal kliem dispreggjattiv "ohrog hwejgek il-barra" u rrefera ghall-hwejjeg taghha bhala "hmieg" anke quddiem it-tfal. Mistoqsija b'mod specifiku jekk dakinhar kien hemm biss kliem tghid *ex-admissis* 'le dakinhar daqhekk biss'.

Imbghad il-prosekuzzjoni talbitha tispjega x'gara l-ghada, minkejja li mhux parti mill-kawza u talbithu sabiex ifakkarha u spjegat l-incident tas-sodda meta zewgha talabha biex tizbarazza is-sodda ta' Maria. Mistoqsija jekk dan l-incident sehhx fil-5 jew 16, tghid b'mod car li kien is-16 ta' Dicembru, 2016. Mistoqsija b'mod specifiku jekk ir-ragel hebbx ghaliha tghid li setgha ghamel il-ponn ma wiccha meta kienet qed tikklejrja is-sodda. Regghet ikkonfermat li zewgha ghamlilha l-ponn ma wiccha nhar is-16 ta' Dicembru, 2016.

L-appellant xehed b'mod volontarju u spejga l-incident tat-tfal tat-teddy bear, kif ukoll tal-imhadda u dwar dawn l-incidenti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni pero' ma jifformawx parti mill-akkuza ta' hebb. Mistoqsi jekk qattx hebb ghaliha billi pogga idjeh ma wiccha jghid li f'ghoxrin sena qatt ma messha u qatt ma hu ha jghamillha xi haga hekk.

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza, minkejja li l-appellant jghid li din il-Qorti ghandha tiliberah minhabba nuqqas ta' kredibilta' tal-kwerelanti, hemm cirkostanza ohra ghaliex l-imptutat hu akkuzat li hebb ghall-parte civle nhar il-15 ta' Dicembru, 2016 meta allegatament huwa hebb ghaliha skond ma rrportat lil WPC 377 u skond ma qalet hi stress viva voce, il-Qorti nhar is -16 ta Dicembru 2016.

Illi s-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, <u>bil-partikularitajiet ta' zmien</u> u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw…...*"

Illi fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**[8], fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema**[9], .

Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi lliberat mill-akkuza kif dedotta kontra tieghu billi l-allegat incident jirreferi ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehh l-allegat fatt li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-prosekuzzjoni naqset milli tinduna b'dan l-izball u tirretifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubju illi l-imputazzjonijiet kif dedotta kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fil-jum indikat fl-akkuza, l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.

---

[8] Deciza 18 ta' Ottubru 2005

[9] It-tnejn decizi 19 ta' Ottubru 2011

Ghalhekk din il-Qorti thoss li s-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti fuq dawn il-provi la kien safe u lanqas satisfactory u li ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w anke mill-hlas tal-ammenda ta' €50 inflitta fis-sentenza appellata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur